27 ta' Settembru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Freddie Dunbar Vella

**Offiżi — Konkawżi — Art. 233 Kap. 12.**

*Meta jirriżulta reat ta' offiża involontarja fuq il-persuna, li tkun ta' natura gravi minħabba kawża aċċidentali sopraġġunta, ma hix preċiża l-lokuzzjoni fis-sentenza jekk fiha jingħad li l-ħtija hija ta' offiża gravi minħabba kawża aċċidentali li ngalghet wara. Terminoloġija simili mhix korretta, inkwantokkè jmissu ntqal li l-offiża*

*kienet involontarja, u li biex iġġib il-gravità ikkontribwiet kawża aċċidentali sopraġġunta.*

*Fid-dottrina u l-ġurisprudenza estera hemm kwistjoni jekk it-teorija tal-"konkawżi" hijiex applikabili wkoll għal-leżjonijiet kolpużi. Liema kwistjoni fil-każ preżenti ma ġietx affrontata mill-Qorti, għax ġie rilevat illi kwistjoni simili fil-każ kienet tkun sempliċement akkademika.*

Fuq l-imputazzjoni illi, waqt li kien isuq motor car, minħabba nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Paolina Edwards, u fuq l-imputazzjoni li saq motor car b'mod traskurat u perikoluż, bit-talba għas-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu tas-sewqan, l-imsemmi Dunbar Vella, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-31 ta' Lulju 1952, ġie misjub, "ipsis verbis", ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna ta' Pawline Edwards minħabba kawża aċċidentali li nqalgħet wara, u ġie lilu akkordat il-benefiċċju ta' l-art. 23 Kap. 12, u ħati ta' sewqan traskurat u perikoluż, u kkundannat għall-piena tal-multa ta' £15, u ġiet ordnata s-sospensjoni tal-liċenzi kollha tas-sewqan tiegħu għal żmien tliet xhur;

Trattat l-appell tiegħu, dina l-Qorti kkunsidrat;

Għandu jingħad qabel xejn, sabiex ma jiftiehemx li din il-Qorti qiegħda b'xi mod taċitament tissanzjona ċerti lokuzzjonijiet impreċiżi, illi t-terminoloġija wżata mid-deċident fl-Ewwel Grad, għar-rigward ta' l-ewwel reat ma hix korretta, inkwantokkè kien imissu ntqal li l-offiża hija "involontarja", u l-kliem dwar il-kawża aċċidentali kien imisshom kienu fis-sens li, biex iġġib il-gravità, ikkontribwiet kawża aċċidentali sopraġġunta, b'mod illi d-dikjarazzjoni tar-reità (apparti jekk, fuq dan l-appell, tinstabx sewwa jew le) kien imissha ġiet espressa fis-sens li l-imputat kien ħati ta' offiża involontarja fuq il-persuna ta' Paolina Edwards, ta' natura gravi, għal liema gravità kkontribwiet kawża aċċidentali sopraġġunta;

Fil-meritu, ikkunsidrat;

Il-Qorti hi soddisfatta mill-provi illi l-appellant, fil-waqt li kien qed isuq il-car, għamel manuvra bruska u perikoluża, u li biha hu ta qata' kbira lil Edwards, avvolja ma laqatħiex.

It-Tabib Azzopardi f'din l-istanza kkonferma illi, laqatha jew le il-car, il-konsegwenza kienet tkun xorta waħda;

Il-Qorti hija wkoll soddisfatta mill-provi li din il-qata' kienet il-kawża ta' l-abort li kellha Edwards;

Il-Qorti taħseb ukoll, bħala fatt, illi għall-abort seta' ikkontribwixxa l-fatt li Edwards ma rpożatx kif kien prudenti, u kif giet konsiljata li tagħmel;

Issa l-Magistrat applika "sic et simpliciter" id-dispost ta' l-art. 233 u 245 (1) (c) tal-Kap. 12, mentri dawk id-dispożizzjonijiet jirriferixxu għall-offiżi fuq il-persuna "volontarja";

Fid-dottrina u l-ġurisprudenza estera hemm kwistjoni jekk it-teorija tal-"konkawżi" hjiex applikabili wkoll għall-leżjonijiet "kolpużi" (ara Maino, Vol. III, comm. art. 371, para. 1627, u n-noti hemm riferiti). Fil-Kodiċi Malti, l-art. 233, dwar il-kawżi aċċidentali fl-offiżi volontarji, mhux riprodott, lanqas b'riferenza, fis-Subtitolu IV (art. 239 et seq.) dwar il-leżjonijiet involontarji; u għalhekk il-Qorti kien ikollha tinvesti l-kwistjoni jekk, taħt is-sistema Malti, għandhomx jiġu ammessi l-konkawżi wkoll fir-reati involontarji. Iżda f'dan il-proċess kwistjoni simili tkun merament akkademika, għaliex jekk dina l-Qorti tkun ta' opinjoni li l-konkawżi huma ammissibili anki fir-reati involontarji, allura jkun hemm lok għall-konferma tas-sentenza appellata dwar dan il-pont; u jekk il-Qorti tkun ta' opinjoni li ma humiex ammissibili, b'dan kollu s-sentenza appellata jkollha tibqa' kif inhi, għaliex fuq appell ta' l-imputat ma hix ammissibili r-"reformatio in pejus". Għalhekk din il-kwistjoni għandha tiġi affrontata jekk u meta tinqala' f'xi kawża oħra; u l-Qorti tirrileva li f'din il-kawża mhijiex qiegħda bl-ebda mod tinvestiha jew tesprimi xi opinjoni dwarha;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet fuq premessi tikkonferma s-sentenza appellata. Żmien għall-ħlas tal-multa xahar mil-lum.